# Fil-Qorti tal-Magistrati Malta

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Salvu Dalli**

**Illum 11 ta' Frar 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Salvu Dalli, iben Antonio u Kristina nee` Sammut, imwieled Zurrieq nhar il- 05 ta` Gunju 1952, residenti 74, Redentur, Triq il-Gudja, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita` numru 462952(M)

U nakkuzaha talli, f' dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta` Frar 2020 ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghaxra ta` filghodu (09:50a.m) gewwa 437, Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun u/jew fil-vicinanzi:-

Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe` jikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Rodianne Caruana, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil- volonta tieghu (Art. 41, 216 Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr ma kellu licenzja mahruga mill- Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma. (Art. 6 Kap 480)

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta` Rodianne Caruana skond artikolu 383 tal- Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta'htija tipprovdi ghas-sigurta u protezzjoni ta' Rodianne Caruana kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Frar 2020, il-prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Rat li wara l-prokseuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni u wara li l-imputat saritlu l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 390 u 392 tal-Kodici Kriminali wiegeb li huwa hati u  irregistra ammissjoni inkondizzjonata

ghal kumplament ta' l-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga jikkonsulta ma l-avukat difensur tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirizulta lura ghal nhar l-10 ta' Frar 2020 meta l-ghassa giet infurmata minn ghand persuna femminili li kienet giet aggredita hdejn ir-residenza taghha fiz-Zejtun minn persuna maskili anzjana.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2020 din il-Qorti jkollha issibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu. Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja immedjata f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 41 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikoli 6 Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah prigunerija ghal sentejn habs izda bl'applikazzjoni tat 28A tissospendi l-piena ghal zmien sentejn mill-illum, kif ukoll tikundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hati a favur ta' Rodianne Caruana ghal perjodu ta' erba' snin bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-imputat milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal- vittma msemmija fl-akkuzi.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilita tieghu fir-rigward tas-sentenza.

**Moghtija illum il-11 ta' Frar 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**